V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 9379 — Umicore/Cattierite Holdings Coöperatief)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 364/09)

1. Fit-18 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Umicore, S.A./N.V. (il-Belġju, "Umicore"),

— Cattierite Holdings Coöperatief U.A. (in-Netherlands, "Cattierite"), ikkontrollata minn Koboltti Chemicals Holdings Limited (Bermuda, "KCHL"). Cattierite hija kumpanija azzjonarja li hija proprjetarja u tikkontrolla kumpanija azzjonarja oħra, Carollite Holdings B.V. (in-Netherlands), u Freeport Cobalt Oy (il-Finlandja, "FCO").

Umicore takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Cattierite, inkluż l-operat ta' FCO fir-rigward tar-raffinerija tal-kobalt u l-produzzjoni downstream tal-materjali u l-prekursuri għall-batteriji li jaħdmu bil-kobalt. KCHL se żżomm in-negozju mhux tal-batteriji ta' FCO u xi bejgħ għall-applikazzjonijiet tal-batteriji magħmula min-negozju mhux tal-batteriji. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Umicore: tissupplixxi materjali tal-katodu għall-batteriji rikarikabbli tal-jon tal-litju użati fl-elettronika portabbli u vetturi bl-elettriku, kif ukoll tissupplixxi trab li jgħaqqad il-metall, ligi bi prestazzjoni għolja u kimiċi tal-kobalt għal firxa ta' applikazzjonijiet mhux tal-batterija. Umicore huwa grupp dinji tat-teknoloġija tal-materjali u tar-riċiklaġġ. L-attivitajiet tiegħu huma organizzati fi fliet grupp kummerċjali: Catalysis, Energy & Surface Technologies u Recycling;

— Cattierite: tipporduċi materjali u prekursuri għal batteriji tal-kobalt permezz ta' raffinar ta' materjali li għandhom bażi ta' kobalt mixtrija minnha. Cattierite kumpanija azzjonarja attiva f'dan in-negozju permezz tas-sussidjarja tagħha FCO.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

M. 9379 — Umicore/Cattierite Holdings Coöperatief

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË